MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Numru 50/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**
**vs**

**DECKLYN MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Decklyn Micallef, ta’ 26 sena, imwieled nhar l-14 ta’ Gunju 1982 fil-Pieta’, bin Paul Micallef u Carmen Farrugia, detentur ta’ karta tal-Identita bin-numru 425682M u joqghod Flat 2, St. Joseph, Triq in-Naggar, Mosta.

Billi gie akkuzat talli nhar is-18 ta’ Novembru 2008 ghall-habta tat-06.00pm fil-Mosta minghajr il-hsieb li joqtol jew li

jqieghed il-hajja ta’ Osea Micallef f’periklu car, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna tal-istess Osea Micallef u dan skond ma iccertifika Dr.A. Zammit mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

Talli wkoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-paci pubbliku b’ghajjat, storbju u jew b’kwalunkwe mod iehor.

F’kaz ta’ htija il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex tahseb ghas-sigurta tal-vittma u tqieghed lill-hati taht garanzija skond l-Art 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. EC3 u nnutat li l-imputat Decklyn Micallef m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum il-parte civile Osea Micallef iddikjara li hu z-ziju tal-imputat u inoltre iddikjara li qieghed jahfer lill-imputat dwar l-akkadut.

Innutat ukoll li l-imputat seduta stante skuza ruhu mal-parte civile Osea Micallef dwar l-akkadut.

Inoltre innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjbua kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 214, 216 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Decklyn Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fis-Seduta tallum il-parte civile Osea Micallef iddikjara li hu z-ziju tal-imputat u inoltra iddikjara li qieghed jahfer lill-imputat dwar l-akkadut u li l-imputat seduta stante skuza ruhu mal-parte civile Osea Micallef dwar l-akkadut, tillibera lill-istess imputat Decklyn Micallef taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Decklyn Micallef ghall-piena ta’ tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmi ta’ Euro (Euro 58.23) ammenda.

Inoltre il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9, torbot lill-imputat Decklyn Micallef b’obbligazzjoni personali ta’ hames mitt Euro (Euro 500) li jzomm il-kwiet ma’ Osea Micallef u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Decklyn Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------